

31999L0065

L 172/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.7.1999

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/65/KEE****ta' 1-24 ta' Ġunju 1999**

**li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa jew fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel (¹), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/82/KE (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel (³), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/82/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4)(a) tagħha,

(1) Billi l-Artikolu 7(2)(a) tad-Direttiva 86/362/KEE u l-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 90/642/KEE jeħtieġu illi l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena l-programmi nazzjonali tagħhom bil-quddiem tal-monitorjar għas-sena ta' wara dwar il-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa jew fuq il-frott, fil-ħxejjex ta' l-ikel u fiċ-ċereali; billi l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fil-pjanifikazzjoni, kif jiġi stabilit, it-twettiq, l-evalwazzjoni u r-rappurtaġġ tal-programmi tal-monitorjar annwali ta' qabel tindika illi din it-temma taż-żmien mhix prattika minħabba li ma' tħallix biżżejjed żmien biex jitqiesu matul il-pjanifikazzjoni għas-sena ta' wara r-riżultati tas-sena ta' qabel; billi perjodu addizzjonali taż-żmien ta' tliet xhur huwa meqjus biżżejjed għall-evalwazzjoni approprjata tar-riżultati précédent u għall-pjanifikazzjoni tal-programmi nazzjonali bil-quddiem tal-monitorjar;

(2) Billi l-Artikolu 7(2)(b) tad-Direttiva 86/362/KEE u l-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 90/642/KEE jeħtieġu illi l-Kummissjoni tissottometti lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti sat-30 ta' Settembru ta' kull sena abbozz ta' rakkmandazzjoni li tfassal programm tal-monitorjar Komunitarju kkoordinat li jidentifika t-teħid ta' kampjuni speċifiċi li jridu jiġi inklużi fil-programmi tal-monitorjar; billi l-kontenut ta' dan l-abbozz ta' rakkmandazzjoni jiddependi mit-tagħraf ipprovdu mill-Istati Membri dwar il-programmi bil-quddiem tal-monitorjar tagħhom; billi perjodu addizzjonali taż-żmien ta' tliet xhur sabiex jiġi ssottomessi l-pjani nazzjonali mill-Istati Membri lill-

Kummissjoni joħloq dewmien ta' tliet xhur fis-sottomissjoni ta' l-abbozz tar-rakkmandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti;

- (3) Billi fil-prattika l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippjani-fikaw programmi Komunitarji kkoordinati ta' monitorjar fuq bażi multiannwi;
- (4) Billi l-miżuri pprovvduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

**L-Artikolu 1**

Fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 86/362/KEE:

- fil-paragrafu 2(a), “it-30 ta' Ġunju” jiġi mibdul bi “it-30 ta' Settembru”,
- fil-paragħaraf 2(b) u 3, “it-30 ta' Settembru” jiġi mibdul bi “il-31 ta' Diċembru”.

**L-Artikolu 2**

Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/642/KEE:

- fil-paragrafu 2(a), “it-30 ta' Ġunju” jiġi mibdul bi “it-30 ta' Settembru”,
- fil-paragħi 2(b) u 3, “it-30 ta' Settembru” jiġi mibdul bi “il-31 ta' Diċembru”.

**L-Artikolu 3**

1. Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tagħha.
2. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, il-miżuri regolatorji jew amministrattivi sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1999. Huma għandhom iġħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufi.
3. Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2000. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza filwaqt tal-pubblikkazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

(¹) ČU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.

(²) ĠU L 290, tad-29.10.1998, p. 25.

(³) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, l-24 ta' Ġunju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---